Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Urġenti Numru 16

Data tal-laqgħa: 18 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

16.1.1 Is-SE ressqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 16.2 Ċirkulari AKL 2020/063 – Ġbir ta' skart riċiklabbli

16.2.1 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/063 – Ġbir ta' skart riċiklabbli mibgħuta mill-AKL. Il-Kunsilli ġew mitluba sabiex isejjħu laqgħa urġenti biex tiġi diskussa din il-materja, wara li ġiet diskussa f'laqgħa urġenti tar-Reġjun.

16.2.2 Is-SE infurmat li peress li numru ta' Kunsilli kien qed ikollhom problemi fis-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli, l-Assoċjazzjoni qed tipproponi li din il-ġabra ssir mir-Reġjun, wara li jinstab mekkaniżmu legali u finanzjarju.

16.2.3 Il-Kunsill irrimarka lis-servizz fil-lokalità, li huwa offrut mill-GreenPak, jiġi pprovdut tajjeb ħafna u mingħajr problemi. Apparti minn hekk, GreenPak riċentement kienu kkomunikaw mal-Kunsilli fejn iddikjaraw li bħala kumpanija ma ħarġux avviżi li jinfurmaw li ser ikunu qed jitterminaw l-operat tagħhom. U kkonfermaw lis-servizz mhux ser jiġi interrott.

16.2.4 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li jagħti l-awtorizzazzjoni sabiex jibda l-proċess biex jiġi esplorat mekkaniżmu dwar kif il-ġbir ta' skart riċiklabbli, jibda jsir mir-Reġjun. Qed jiġi mifhum li din l-awtorizzazzjoni hija limitata għall-esplorazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu u mhux se jsiru *commitments* mingħajr ma jiġi ikkonsultat il-Kunsill.

## 16.3 Tmiem tal-laqgħa

16.3.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.15pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2020.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |